Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2023/2163(DEC)

5.2.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ
(2023/2163(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Romana Tomc

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2022;

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2022;

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività (CAAR) 2022 tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ;

1. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-"Qorti") iddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (il-"Fondazzjoni") għas-sena finanzjarja 2022 huma legali u regolari u li l-pożizzjoni finanzjarja tagħha sal-31 ta' Diċembru 2022 hija rappreżentata b'mod ġust;

2. Jilqa' l-attivitajiet tal-Fondazzjoni biex il-pajjiżi sħab tal-Unjoni jiġu megħjuna jisfruttaw il-potenzjal tal-kapital uman tagħhom u jtejbu l-prospetti tal-impjiegi taċ-ċittadini tagħhom permezz tar-riforma tas-sistemi tal-edukazzjoni, tat-taħriġ vokazzjonali, tal-ħiliet u tas-suq tax-xogħol, fil-kuntest tal-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni;

3. Jilqa' b'mod partikolari l-kunċett il-ġdid tal-Fondazzjoni ta' ċentri intraprenditorjali ta' eċċellenza vokazzjonali (CoVEs) li ġew żviluppati biex jikkontribwixxu għad-dibattitu internazzjonali fil-komunità tat-tagħlim intraprenditorjali, u biex jispiraw ċentri ta' taħriġ biex jirrispondu aħjar għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu taċ-ċittadini, tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet;

4. Jinsab sodisfatt li l-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2022 żdied għal EUR 25 miljun (EUR 21 miljun fl-2021)[1]; jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-Fondazzjoni kienet eżegwiet 97,7 % tal-baġit tagħha għall-2022; jenfasizza l-ħtieġa li jibqgħu jiġu żgurati riżorsi umani u finanzjarji adegwati li jippermettu lill-Fondazzjoni tissodisfa l-mandat tagħha u tkompli timplimenta l-programm ta' ħidma tagħha b'rata għolja ħafna ta' tlestija tal-attivitajiet;

5. Jilqa' l-fatt li minkejja l-kriżi baġitarja kkawżata mill-inflazzjoni u l-prezzijiet tal-utilitajiet fl-2022, il-Fondazzjoni kienet kapaċi tiġġestixxi b'mod effettiv l-ispejjeż tagħha, tintroduċi miżuri ta' ffrankar tal-ispejjeż u tipprijoritizza mill-ġdid mingħajr tfixkil kbir għall-programm ta' ħidma tagħha;

6. Jisħaq fuq l-importanza tal-ħidma tal-Fondazzjoni u l-valur miżjud tagħha fil-qasam ta' kompetenza tagħha; jirrikonoxxi li l-objettivi u l-azzjonijiet tal-Fondazzjoni huma

[1] Dawn iċ-ċifri tal-baġit ittieħdu mir-Rapport Annwali tal-QEA dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2022 u huma bbażati fuq l-approprjazzjonijiet ta' pagament totali disponibbli matul is-sena finanzjarja.

allinjati mill-qrib mal-politiki u l-attivitajiet tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-iżvilupp tal-bniedem, il-ħiliet u l-migrazzjoni; jilqa' l-fatt li l-Fondazzjoni tikkoopera u tikkondividi r-riżorsi tagħha b'mod kontinwu mal-aġenziji l-oħra, partikolarment is-Cedefop u l-Eurofound, u dan jippermetti l-kondiviżjoni sinifikanti tal-għarfien;

7. Jinnota bi tħassib li l-Qorti rrapportat dgħufijiet f'żewġ proċeduri ta' akkwist pubbliku, b'mod partikolari relatati mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, marbuta man-nuqqas ta' solvenza finanzjarja tal-offerenti proposti mill-Fondazzjoni; jistieden lill-Fondazzjoni tkompli ttejjeb il-proċeduri ta' akkwist pubbliku tagħha, filwaqt li tiżgura konformità sħiħa mar-regoli applikabbli, tiżgura li dawn jiksbu l-aħjar valur possibbli għall-flus, b'mod partikolari billi tissimplifika l-metodoloġija tagħha, u biex, flimkien mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, tiddiskuti metodi alternattivi possibbli għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet fil-pajjiżi sħab tal-Fondazzjoni;

8. Ifaħħar lill-Fondazzjoni talli stabbiliet pjan korporattiv biex ittejjeb l-effiċjenza enerġetika u n-newtralità klimatika tal-operazzjonijiet tagħha;

9. Jirrakkomanda, abbażi tal-fatti disponibbli, li tingħata l-kwittanza lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2022.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	11.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 –: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	João Albuquerque, Atidzhe Alieva-Veli, Dominique Bilde, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Jordi Cañas, David Casa, Leila Chaibi, Ilan De Basso, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cindy Franssen, Chiara Gemma, Helmut Geuking, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Radan Kanev, Ádám Kósa, Katrin Langensiepen, Elena Lizzi, Sara Matthieu, Jozef Mihál, Max Orville, Dennis Radtke, Antonio Maria Rinaldi, Mounir Satouri, Monica Semedo, Eugen Tomac, Romana Tomc, Nikolaj Villumsen, Maria Walsh
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Amalric, Romeo Franz, Lina Gálvez Muñoz, José Gusmão
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Noichl, Carina Ohlsson, Vera Tax

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

36	+
ECR	Chiara Gemma
NI	Ádám Kósa
PPE	David Casa, Jarosław Duda, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Radan Kanev, Dennis Radtke, Eugen Tomac, Romana Tomc, Maria Walsh
Renew	Atidzhe Alieva-Veli, Catherine Amalric, Jordi Cañas, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Jozef Mihál, Max Orville, Monica Semedo
S&D	João Albuquerque, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Ilan De Basso, Estrella Durá Ferrandis, Lina Gálvez Muñoz, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Maria Noichl, Carina Ohlsson, Vera Tax
The Left	Leila Chaibi, José Gusmão, Nikolaj Villumsen
Verts/ALE	Romeo Franz, Katrin Langensiepen, Sara Matthieu, Mounir Satouri

1	-
ID	Dominique Bilde

2	0
ID	Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni